*Opening Speech by H.E. Marie-Louise Coleiro Preca, President of Malta, at the National Coeliac Conference entitled "Diagnosing and Treating Coeliac Disease" 26 May 2018*

Professor Knut Lundin,
Distinguished guests and dear friends,
Merħba lil kullħadd.

I am pleased to welcome you all to today's conference, and to commend Narrative Structures for facilitating this event.

I am also pleased to note that this conference has now become an annual event.

Professor, I am pleased to welcome you to Malta, and I hope you would have some time to explore our beautiful island.

I shall now continue my address in Maltese.

Sinjuri,
f'Malta hawn mal-1,500 ruħ reġistrati bħala *coeliac,* iżda madankollu huwa stmat li hemm numru kbir ta' nies li huma *coeliac* u lanqas biss jafu, għax qatt ma ġew identifikati. Hemm bżonn ta' azzjoni sabiex l-istatistika tirrifletti b'mod aktar ċar ir-realtà ta din il-kundizzjoni f'pajjiżna.

Bħal ma nafu il-kundizzjoni tac-*coeliac* hija kundizzjoni li ħafna drabi ma tingħarafx mill-ewwel, għax tiġi mfixkla ma' numru ta' kundizzjonijiet oħrajn; u għalhekk hawn ħafna nies li jibqgħu ibatu is-sintomi għal tul ta' żmien, mingħajr ma jimmaniġġjaw il-kundizzjoni.

Għalhekk jeħtieġ li nanalizzaw il-fatturi li qed jikkontribwixxu għan-nuqqas ta' għarfien ta' din il-kundizzjoni fil-ħin. Il-kumplikazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu mid-dijanjożi tardiva jista' jkollhom effetti serji, mhux biss fuq l-individwu u l-familja tiegħu, iżda fuq il-komunita', is-servizz tas-saħħa, u s-soċjetà in ġenerali.

Madankollu, wara dijanjożi pożittiva, il-kundizzjoni tac-*coeliac* tista tkun *managed* u ssir kontrollabbli. Persuna tista tieħu ħsieb din il-kundizzjoni hija stess - partikolarment jekk id-dijanjożi tiġi fi żmien bikri biżżejjed.

Meta nirrikonoxxu li dijanjożi bikrija hija kruċjali għall-ġid tal-individwi b'din il-kundizzjoni, allura għandna naħdmu aktar biex insibu modi kif jistaw jiġu imtejba ir-rati ta' dijanjożi.

Nemmen li jeħtieġ li jkollna kampanji ta informazzjoni u edukazzjoni biex kulħadd isir konxju tal-possibilta' li nfittxu l-għajnuna ta' tabib mingħajr mistħija jew inkwiet bla bżonn.

Ta' min ukoll nanalizzaw liema azzjonijiet qiegħdin jittieħdu biex dawn il-persuni jiġu mgħejuna biex jieħdu ħsieb aħjar il-kundizzjoni tagħhom.

Irid nistqarr li għalkemm persuni *Coeliac* għandhom għajnuna u appoġġ iżda ikun tajjeb li isir appraisal tas-support li qiegħed jingħata bil-għan li fejn nistaw nkomplu intejbuh.

Jeħtieġ żieda fl-edukazzjoni dwar dieta mingħajr glutina, flimkien ma' tagħrif dwar dawk it-tipi ta' ikel li jridu jiġu evitati.

Hemm bżonn ukoll li nħeġġu azzjoni pożittiva fis-settur tas-servizz ta' l-ikel, u fl-industriji tal-ospitalità u t-turiżmu. Dawn kollha jagħtu sehem importanti u meħtieġ bħala parti minn pjan komprensiv li jwassal għall-għarfien dwar ic-coeliac mifrux mal-poplu kollu, u biex dawk li huma Coeliac iħossuhom li huma inklużi.

Għad hawn ħafna x'isir biex persuni *coeliac* jkunu jistgħu jgħixu ħajja kif jixtiequ huma, minkejja l-kundizzjoni li jkollom. Mhux aċċettabbli li persuni *coeliac* iħossuhom iżolati jew konfużi wara li jirċievu din id-dijanjożi.

Kollha kemm aħna fi dmir li nagħtu sehemna biex anke f'dan il-qasam nwasslu messaġġ ta' kuraġġ u solidarjetà lil persuni *Coeliac.*

Nawguralkom minn qalbi.